# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

Appell numru 246/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Matthew CACHIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Lulju 2021 kontra Matthew CACHIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 447984M) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, naqas milli jagħti lil Joan Zammit is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala manteniment għal uliedek u/jew martek, fi żmien ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma u dan għall-perjodu ta' Jannar 2020 sa Mejju 2020.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal xahrejn priġunerija effettiva.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi CACHIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat qua appellant minn kull ħtija u piena skont il-Liġi u mingħajr preġudizzju għal premess u in linja sussidjarja sabiex f'każ li l-appellant jiġi misjub ħati tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza billi tvarja l-piena inflitta u tirriduċi l-istess għal waħda iktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi u dan wara li stqarr is-segwenti :-

   i) Illi preliminarjament l-azzjoni kriminali għal reat taħt l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur;
   ii) Illi in linja sussidjarja u mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa biss reċediv f'kontravenzjoni taħt dan l-artikolu li jeħel il-piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tlett xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn Ewro jew priġunerija u multa flimkien. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-piena imposta kienet eċċessiva;
   iii) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament ħażin tal-provi li kellha quddiemha u kellha tieħu inkonsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-appellant. L-appellant iħoss li jkun idoneu li jiġi eżerċitat l-eżerċizzju diskrezzjonali ta' din il-Qorti dwar l-ammissjoni ta' provi ġodda fl-appell.
   iv) Huwa d-dover tal-Qorti li tiskrutinja r-raġunijiet il-għaliex l-appellant ikun waqaf iħallas il-manteniment.

## D. Il- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar l-1 ta' Lulju 2020 għall-ħabta tal-11.50hrs sar rapport ġewwa l-Għassa taż-Żejtun minn ċerta Joan Zammit (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 418272M) kontra missier it-tfal tagħha minuri stante li dan kien ilu ma jgħaddilha l-manteniment dovut lilha għax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu, April u Mejju tas-sena 2020. Joan

Zammit stqarret li kien sar kuntratt quddiem in-Nutar Sylvana Borg Caruana u quddiem Dr. Ludvic Caruana fejn skont dan il-kuntratta Matthew CACHIA bħala missier it-tfal tagħha obbliga ruħu li jħallasha manteniment għaż-żewġ minuri kull sittax tax-xahar u dan il-manteniment jiġi aġġustat kull sentejn skont il-kriterju tal-għoli tal-ħajja.

5. Illi PC 640 bħala l-uffiċjal tal-Pulizija li rċieva l-imsemmi rapport, ipprova jagħmel kuntatt ma' Matthew CACHIA sabiex jiġi mitkellem b'rabta ma' dan ir-rapport iżda dan it-tentattiv irriżulta fin-negattiv. Kien għalhekk li lil CACHIA ntbagħtitlu ittra sabiex jirrikorri l-Għassa u din l-ittra ntbagħtet kemm fl-indirizz tiegħu tal-Fgura kif ukoll f'dak taż-Żejtun. Nhar it-2 ta' Lulju 2020 għall-ħabta tal-20.00hrs PC 640 irnexxilu jagħmel kuntatt ma' Matthew CACHIA fejn ġie nfurmat b'dan ir-rapport u mitlub sabiex jirrikorri l-Għassa u dan tal-aħħar ikkomettata ruħu li kien sejjer imur nhar il-5 ta' Lulju 2020. CACHIA jirriżulta li baqa' ma marx l-Għassa tal-Pulizija hekk kif mitlub u sussegwentment inħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu b'rabta ma' dan ir-rapport.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**L-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

6. L-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mill-ħmistax-il jum li fih skont il-kuntratt milħuq bejn il-partijiet jew skont l-ordni tal-Qorti li tkun hekk tirregola l-obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet, ikollha titħallas dik is-somma hekk iffissata. Id-dekors tal-preskrizzjoni jiddependi min-natura tar-reat innifsu. Skont l-Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fihisir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fihisir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih matibqax il-permanenza tar-reat.

7. Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat istantanju b'effetti permanenti. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Debono** deċiż nhar is-17 ta' Marzu 1992 ingħad hekk:

> Għall-kull buon fini jiġi nnotat li r-reat dedott kontra l-appellant huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoe li kien naqas li jħallas lil martu l-manteniment għal ibnu meta kien hekk ordnat mill-Qorti. **Dan huwa reat istantaneju**.[1] L-appellant ma ġiex akkużat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(y) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe li kien ħalla fil-bżonn lit-tfal, li hu reat permanenti.

8. Dan ifisser li skont l-Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali l-perjodu ta' preskrizzjoni għar-reat ravviżat fl-Artikolu 338(ż) tal-istess, jibda jiddekorri mill-jum tal-konsumazzjoni tar-reat ċjoe mill-ħmistax -il jum li fih kellu jitħallas il-manteniment dovut skont kuntratt jew ordni ta' Qorti.

9. Biss, il-kwadru legali jaf ikun aktar kumpless, bħal fejn il-Prosekuzzjoni tagħżel illi tiġbed serje ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment taħt il-kappa tar-reat kontinwat. Għalkemm ir-reat taħt l-Artikolu 338ż tal-Kodiċi Kriminali jibqa' fin-natura tiegħu istantanju, meta sensiela ta' reati meħudin flimkien jitqiesu bħala reat kontinwat, il-preskrizzjoni ta' sitt xhur tibda tiddekorri mill-ħmistax -il jum tax-xahar li fih ikun sar **<u>l-aħħar ksur tal-obbligu tal-ħlas tal-manteniment</u>**. F'dan is-sens ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** deċiż nhar it-28 ta' Lulju 2010 fejn intqal:

> Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-akkuza kontra tieghu hi preskritta. Isostni illi stante li hu akkuzat taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, a tenur tal- proviso ta' l-istess artikolu, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sitt xhur.
>
> Li l-perijodu preskrittiv huwa ta' sitt xhur huwa minnu, izda hawn qieghed jigi attribwit lill-appellant reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. Din il-kwistjoni giet trattata fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. John Chircop deciz fit-3 ta' Novembru 2005 fejn intqal:
>
> "Illi dwar l-ewwel tlitt aggravji li jirrigwardaw l- preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) talKap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero' jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta' ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fissentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim'Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" [3.11.1995] "
>
> 'Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq ilkomputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq laspett sostantiv tar-reat.

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id- diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall- "continuing offence" kif ukoll ghall-"continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ....Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"

"Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill- Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli. Page 10 of 20 "Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati, cioe` r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal- preskrizzjoni mhumiex listess. Difatti skond l- artikolu 691(1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, iz-zmien talpreskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

"Issa fil-kaz in ezami l-akkuza hija li ma thallasx il- manteniment dovut fid-dati tas-26 ta' Jannar, 9 ta' Frar u 23 ta' Frar, 2005. Illi kif gja gie ritenut minn din il- Qorti, r-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess b'eghluq ta' hmistax il-jum wara d-data tal- iskadenza li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim. "Il-Pulizija vs.David Camilleri" [22.3.2005])

"Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :-

" 'Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min – meta.....hekk marbut b' kuntratt jonqos li jaghti lil martu..... , is-somma .....stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha...u jew ghall-ulied , fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond ...dak il- kuntratt , ikollha thallas dik is-somma.'

"Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar.

"F'dan il-kaz ghalhekk il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' reat kontinwat (continuous offence) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara lahhar skadenza w cioe` fl-10 ta' Marzu, 2005.

Illi c-citazzjoni odjerna nharget fl-4 ta' Mejju, 2005 u giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta'Gunju, 2005 (Fol.1) u giet notifikata lill-appellant (kif jidher mirriferta pozittiva a fol.2) fl-1 ta'Gunju, 2005. Hu fil-fatt deher ghall-kawza fis-6 ta' Gunju, 2005, u dan kollu sar entro t-tlitt xhur tal-preskrizzjoni li kienu jaghlqu fl-10 ta' Gunju,2005.

"Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrikzzjoni sollevata qed jigi respint."

Fil-kaz odjern, trattandosi wkoll ta' reat kontinwat (continuous offence) fejn il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill- jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, ilpreskrizzjoni (issa ta' sitt xhur u mhux ta' tliet xhur) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza tas-26 ta' Jannar 2009, jigifieri fl-10 ta' Frar 2009. Ic-citazzjoni nharget fit-13 ta' Mejju 2009. Jidher li l-appellant gie notifikat l-ewwel darba fit-18 ta' Gunju 2009 (ara riferta a fol. 4) jigifieri entro s-sitt xhur tal-preskrizzjoni. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

10. L-interpretazzjoni tal-effett tar-reat istantaneju u tar-reat kontinwat fuq il-preskrizzjoni ġiet ukoll elaborata fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Vella** tas-6 ta' Jannar 2012. F'dik is-sentenza, ġie ritenut ukoll is-segwenti:

**L-ewwel aggravju – Punt ta' liġi dwar jekk l-azzjoni hix preskritta.**

L-ewwel problema legali hija dwar ir-reat kontinwat. L-Ewwel Onorabbli Qorti rrefereit għaż-żewġ deċiżjonijiet kuntrastanti li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduti.

L-ewwel deċiżjoni hija 'Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri' I tat-30 t'Ottubru, 2001 fejn intqal hekk: 'Illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali kreata essenzjalment ghallbeneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk irreati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u lkumulu ta' pieni relattivi. Dan iffisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l- kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet talpreskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konklużjoni differenti twassal ghall- assurdita' legali li jigu maghqudin bilkontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.

Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghallfinijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat

ikun ordinarjament suggett”. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta’ reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun ġie preskritt.

‘ Iżda fil-ġurisprudenza Maltija nsibu pożizzjoni differenti dwar il-preskrizzjoni fir-reat kontinwat. Fil-fatt f’sentenza oħra tal-10 ta’ Mejju 2000, fl-ismijiet ‘IlPulizija versus Joseph Borg’ tal-10 ta’ Mejju, 2000, il-Qorti qalet hekk:

‘Iż-żieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabeix jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe’ sabiex jiġi detrminat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m’għandux jieħu in konsiderazzjoni sabeix jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti ; u (b) żieda fil-piena minħabba rreċidiva. Iż-żieda fil-piena minħabba l- kontinwat mhix imsemmija f’dan l-artikolu 689.

Fil-liġi tagħna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l- artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bħala forma sui generis ta’ konkors ta’ reati, bil-partikolarita’ li d-diversi reati jitqiesu bħala reat wieħed.

Il-Liġi Taljana viġenti titratta b’mod ferm differenti r-reat kontinwaat għall-fini tal-preskrizzjoni u dna minħabba dispożizzjonijiet ta’ liġi li ma għandhom ebda riskontru fil- Liġi tagħna.’

Dis-sentenza tal-10 ta’ Mejju 2000 segwiet is-sentenza tal-4 ta’ Novembru 1976 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Grazio Zerafa’ li kienet sostniet li ż-żieda fil-piena stabbilita fl-artikolu 18 tal-Kap 9 għandha tittieħed in konsiderazzjoni.’

Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta’ Mejju 2000 u dik tal-4 ta’ Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f’Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: ‘dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed’. Għalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza ċitata aktar ‘il fuq jaqa’ għaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wieħed, wieħed iżda ġaladarba l-katina r-reati tgħaqqad ir-reati kollha, dawn jibqgħu’ ħajjin għall-fini talpreskrizzjoni. L-imputat ikun ħa l-vantaġġ permezz tal-artikolu 18. Iżda malvantaġġ irid jieħu wkoll l-iżvantaġġ. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi rreċidiva iżda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Leġislatur ried idaħħal ir-reat kontinwat, kellu żmien biżżejjed biex jagħmlu. Iżda dan ma setax jagħmlu mingħajr ma jibdel il-kunċett kif radikat fl-artikolu 18.

Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

11. Jekk sensiela ta' infrazzjonijiet jifformaw għadd ta' reati istantaneji u jiġu imputati bħala tali mingħajr ma jiġu minsuġa flimkien mill-Prosekuzzjoni bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, dawk ir-reati jiġu regolati mhux bħala reat kontinwat iżda jkunu jridu jitqiesu bħala reati separatament kommessi u konsegwentement jiġu ġudikati separatament, reat b'reat, fuq il-fatti u meriti tiegħu. Dan ifisser li l-analiżi jekk reat ikunx preskritt o meno tkun trid issir b'riferenza għal kull reat separatament. Apparti dan, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, meta l-Qorti tiġi biex timponi l-piena hija trid tqis il-piena għal kull reat li jkun ġie meqjus integrat, bl-istess Qorti jkollha s-setgħa, jekk tkun tqis meritevoli fiċ-ċirkostanzi, li tikkalibra u timmodera l-piena skont il-każ.

12. Mill-banda l-oħra l-istitut tar-reat kontinwat huwa finzjoni legali (li kienet ġiet ukoll kontestata b'ċerta forza minn ċerti ambjenti dottrinali) maħsuba li tivvantaġġja lill-imputat in kwantu jekk l-elementi imsemmija tar-reat kontinwat jirriżultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni b'riferenza għall-atti imputati, l-imputat jiġi misjub ħati għal dawk id-diversi infrazzjonijiet bħala li jikkostitwixxu **<u>reat wieħed</u>** b'piena unika li pero tkun miżjuda minn grad sa żewġ gradi. Il-finzjoni legali imsemmija **f'Cuschieri** hija preċiżament din, in kwantu li kieku ma kienx għal din il-finzjoni legali, kull att t'infrazzjoni legali kien ikun meqjus bħala reat ad hoc punibbli fih innifsu. Iżda meta l-Liġi ħolqot din il-finzjoni, dawn id-diversi infrazzjonijiet - li jkunu soddifaċentement ippruvati li jintegraw l-elementi rikjesti għall-eżistenza tar-reat kontinwat – ma jibqgħux iżjed ritenibbli, u punibbli, bħala reati individwali separati u distinti minn xulxin, iżda jiġu ritenuti bħala reat wieħed, punibbli b'piena unika miżjuda minn grad wieħed sa tnejn.

13. F'dan il-każ, grazzi għall-din il-finzjoni legali, il-ħati jevita il-kumulu tal-pieni kontra tiegħu u li għalihom kieku kien ikun suġġett għal kull reat individwali li tiegħu kien jiġi misjub ħati, li kieku ma kienx għal din il-finzjoni legali tar-reat kontinwat. Dan jista' jkun ta' benefiċċju enormi għall-ħati in kwantu jista' jibbenefika minn piena ridotta, ġieli sostanzjalment, meta mqabbla ma dik li kieku kien ikun suġġett għaliha kieku misjub ħati u punit għal kull infrazzjoni individwali li tkun ġiet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. U kien dan il-preċiż punt li qajjem kontroversja kbira b'mod partikolari fid-dottrina inizzjali.

14. Iżda l-Liġi mbagħad għaddiet biex tikkontrobilanċa ċerti aspetti maħluqa minn din il-finzjoni legali meta allura meta ġiet biex tqis l-istitut tal-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat kontinwat in kwantu mbagħad qieset li ż-żmien tal-preskrizzjoni jitqies li jibda' jiġi magħdud mill-jum li fih isir l-**aħħar** ksur tal-Liġi - indipendentement mid-dekors taż-żmien bejn infrazzjoni u oħra. U dan ikun jagħmel sens fil-loġika tal-finzjoni legali tar-reat kontinwat innifsu in kwantu r-reat kontinwat ma jqisx kull infrazzjoni bħala li għandha eżistenza ġuridika separata, iżda jqis kull infrazzjoni bħala ħolqa fil-katina fittizja li tifforma reat wieħed, imsemmija allura, reat kontinwat. Trattandosi ta' reat wieħed ma jistax jitqies spezzettabbli. Reat wieħed ma jistax jitqies spezzettabbli f'infrazzjonijiet separati għall-fini tad-dekors taż-żmien tal-preskrizzjoni; iżda imbagħad reat wieħed integrali minkejja l-infrazzjonijiet separati għall-fini tas-sejbien ta' ħtija u l-eventwali imposizzjoni tal-piena. Kif l-appell kriminali **Vella** jgħid, mal-vantaġġ l-imputat irid ukoll jieħu l-iżvantaġġ. L-iżvantaġġ hu li l-komputazzjoni tal-perjodu preskrittiv fil-każ fejn ikun ġie imputat ir-reat kontinwat f'kuntest ta' reat istantaneu ossija kunsmat, jibda mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

**Ikkunsidrat**

15. F'dal-każ jirriżulta li l-appellant ġie mixli b'serje ta' episodji ta' ksur tal-obbligu ta' manteniment naxxenti minn kuntratt datat 14 ta' Jannar 2013 liema reati ġew minsuġa bħala reat (wieħed) kontinwat. Allura t-terminu tal-preskrizzjoni f'dan il-każ kien jiddekorri sa minn dak il-jum li jaħbat il-ħmistax il-wieħed wara d-data tas-sittax tax-xahar li fih l-aħħar ikun ġie rraportat il-ksur tal-obbligu tal-manteniment in kwantu skont ma jirriżulta mill-imsemmi kuntratt, il-manteniment irid jitħallas kull sittax tax-xahar. Peress li l-appellant ġie mixli b'dawn l-infrazzjonijiet tiegħu bħala li jikkostitwixxu reat kontinwat, il-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri sa minn dik id-data f'Mejju 2020 u jestendi sa' sitt xhur wara dik id-data nonche' sax-xahar ta' Novembru 2020.

16. Biss, f'dan il-każ ġara li nhar is-16 ta' Marzu 2020 - u għalhekk qabel ma beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur mid-data ta' Mejju 2020 bħala d-data tal-aħħar ksur skont l-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali – is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika

ordnat l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja minħabba l-imxija tal-pandemija SARS-COV-2. Għalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ma setax jibda jiddekorri f'Mejju 2020 minħabba l-Ordni li kienet ilha in vigore minn Marzu 2020.

17. Illi skont ir-Regolament numru 3 tal-Avviż Legali 61/2020:

> (1) Meta s-Supretendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u/jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha **tissospendi**[2] ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supretendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali u ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat ijiem wara l-jum meta s-Supretendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.
>
> (2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet fejn tqis l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.

18. L-Avviż Legali 61/2020 baqa' fis-seħħ sal-5 ta' Ġunju 2020 meta dan ġie mħassar permezz tal-Avviż Legali numru 230/2020:

> 1 (1)It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.
> (2)Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ mill-5 ta' Ġunju 2020.
>
> 2 L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020 mingħajr preġudizzju għal validita' ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni soġġettta għall-dispożiżżjonijiet ta' dan l-ordni.
>
> 3 Is-sospensjoni tal-limiti taż-żmien kien kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita' oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin jun mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.
>
> 4 Is-sospensjoni tal-limiti taż-żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita' oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

għandha tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sebat ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.

19. L-Artikolu 691(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li :

> jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqata l-kwistjoni.

20. Din l-Ordni maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika topera bħala dik l-awtorizzazzjoni speċjali meħtieġa skont il-Liġi sabiex titkompla kawża jew f'dan il-każ, sabiex tibda tinstema' l-kawża. It-terminu tal-preskrizzjoni jitwaqqaf sakemm ma tkunx ingħatat tali awtorizzazzjoni; u jerġa jibda jieħu l-kors tiegħu biss minn dakinhar li fih tingħata dik l-awtorizzazzjoni.

21. L-Avviż Legali 230/2020 kien ċar ukoll fejn speċifika li l-perjodi perentorji li kienu ġew sospiżi setgħu jerġgħu jkomplu jiddekorru mid-data ta' sebat ijiem wara l-5 ta' Ġunju 2020 nonche' d-data tar-revoka tal-Avviż Legali 61/2020. 'Jerġa jibda jieħu l-kors tieghu minn dak in-nhar..' ma tfissirx li ż-żmien jerġa jibda jiddekorri mill-ġdid bħal meta azzjoni tkun operat il-ksur tal-perjodu ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 693(3) tal-Kodiċi Kriminali.

22. Il-perjodu tal-preskrizzjoni f'dan il-każ kellu jibda jiddekorri minn Mejju 2020 u jibqa' sejjer sa Novembru 2020. Iżda ma setgħax isir minħabba li f'Mejju 2020 kienet għadha fis-seħħ l-Ordni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Dan ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali beda jiddekorri mix-xahar ta' Ġunju 2020 u kien jestendi sax-xahar ta' Diċembru 2020 meta allura l-azzjoni kontra l-appellant kienet taqa' bil-preskrizzjoni.

23. Jirriżulta li meta saret l-ewwel seduta tas-smiegħ tal-kawża fid-data tad-19 ta' Ottubru 2020 (u b'hekk sa din id-data kienu għadhom iddekorrew biss erba' xhur mill-perjodu ta' sitt xhur kif spjegat) l-imputat kien preżenti fl-awla debitament assistit fejn allura huwa kjarament assoġġetta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti f'dan il-każ. L-appellant mhux korrett fejn jargumenta li l-azzjoni kriminali kontra tiegħu għall-ksur tal-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali għax-xhur ta' Jannar 2020 sa Mejju 2020 kienet preskritta, ġaladarba

dawk l-allegati infrazzjonijiet kienu minsuġin flimkien mill-Prosekuzzjoni bħala reat (wieħed) kontinwat.

24. **Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

25. Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawża, mhux ikkontestat li fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni, l-appellant kien moruż fil-ħlas tal-manteniment dovut lil Joan Zammit u liż-żewġ uliedu minuri ta' erbatax u ħmistax -il sena rispettivament. Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-parte ċivile u l-appellant jinsab fil-motivazzjoni wara d-deċiżjoni tal-appellant illi ma jonorax iktar dawk l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt datat 14 ta' Jannar 2013 (esebit bħala Dok JZ1 skont verbal a foljo 6 tal-atti proċesswali tal-każ li kien qiegħed jiġi mismugħ kontestwalment u li kellu r-Referenza 5/1/111/2020). Filwaqt li l-appellant jikkontendi li bejn il-partijiet kienet saret skrittura privata li teskludi l-ħlas ta' manteniment mensili f'dawk il-perjodi ta' meta t-tfal ikunu qegħdin miegħu bħala missierhom, il-parte ċivile fix-xhieda tagħha tisħaq li t-tfal il-biċċa l-kbira dejjem għandha kienu jkunu u li mhux minnu li fil-perjodi in kontestazzjoni t-tfal kienu jirrisjedu mal-appellant. F'paġna 16 tax-xhieda tagħha Joan Zammit tixhed:

> Avukatessa: Issa, f'dak il-perjodu t-tfal ma mien kienu jgħixu?
> Xhud: Miegħi miegħi dejjem miegħi t-tfal għax lanqas għall-aċċess ma joħodhom imbagħad wara xi seba' xhur intimhomlu jagħmlu xi ġimgħa u nofs għandu, jerġgħu jiġu lura dejjem miegħi t-tfal.

26. L-appellant imbagħad f'paġna 19 tax-xhieda tiegħu jagħmel referenza għal dan il-ftehim bil-miktub, li pero' jirriżulta li ma kienx ġie esebit fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalkemm saret hekk referenza għalih:

> Xhud: Li kellna, kellna ftehim bil-miktub iffirmat bejni, bejn Joan u bejn l-Avukat Roberto Montaldo l-Avukat li kelli.
> Qorti: Tista' tippreżentah dan id-dokument?
> Xhud: Għandu...Dr. Roberto Montaldo.
> Qorti: No inti jrid ikollok f'idejjk, mela Sinjur.

27. Li tassew kien jeżisti dan il-ftehim li jsemmi l-appellant meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huwa pruvat bil-fatt li fil-mori ta' dan l-appell ġie eżebit bħala Dok. MC 4 u datat 26 ta' Awwissu 2013. Din il-Qorti rat ukoll li meta xehdet Joan Zammit, fuq mistoqsija magħmula fil-kontro-eżami tagħha, hija ma ċaħditx l-eżistenza ta' dan il-ftehim iżda qalet biss li t-tfal kienu jirrisjedu dejjem magħha u dan f'paġna 16 tax-xhieda tagħha:

> Qorti: Sinjura, inti taf b'xi ftehim li sar b'kuntrat jew ordni tal-Qorti?
> Xhud: It-tfal dejjem għandi, it-tfal meta kibru, l-aċċess, huwa lanqas joħodhom lanqas jagħti kazhom.

28. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-partijiet kienu konxji minn dan il-ftehim. Addirittura l-appellant ibbaża d-difiża tiegħu proprju fuq dan id-dokument kemm fl-istadju ta' trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll fit-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti. Biss, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell Kriminali hija wkoll marbuta bir-regola sanċita fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali liema dispożizzjoni tal-Liġi taqra bil-mod segwenti.

> 424. Quddiem il-qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief-
> (a) jekk jiġi ippruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-qorti inferjuri;
> (b) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.

29. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi titkellem dwar il-produzzjoni ta' xhieda ġodda iżda huwa paċifiku kif il-prinċipju regolatur huwa li l-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali jestendi l-applikazzjoni tiegħu anki għal prova dokumentarja ġdida. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżwa fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** datata 14 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti:

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Eddie sive Edward Micallef" [24.5.1995] :- "Din id-dispozizzjoni giet fil-gurisprudenza taghna nterpretata li tipprojbixxi l-produzzjoni mhux biss ta' xhieda godda **izda ta' provi , cioe' anki dokumenti, godda**[3] . Dan ghar-raguni , gusta fil-fehma ta' din il-Qorti , li f' dan l-istadju ta' l-appell dak li ghandu jigi ezaminat huwa biss jekk l-ewwel gudikant iddecidiex tajjeb jew hazin fuq il-provi li kellu quddiemu (ara Kollezz. Vol.XXVII , IV. 742 u XXX. IV. 623.)

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

30. Issa, kif diġa ngħad din il-Qorti rat li dan ma kienx każ fejn l-appellant ma kienx jaf bl-eżistenza ta' dan id-dokument jew li ma setax jipproduċih bil-mezzi li tagħtih il-Liġi hekk kif addirittra l-linja difensjonali tiegħu kienet propja bbażata fuq dan id-dokument.

31. Din il-Qorti ma tistax tippermetti din il-prova ġdida f'dan il-każ in kwantu r-rekwiżiti tal-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx sodisfatti. Jiġi wkoll notat li l-anqas ma jirriżulta li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-appellant talab differiment sabiex ikun jista' jipproduċi dan id-dokument f'xi seduta sussegwenti. Fis-seduta tas-26 ta' April 2021, ċjoe fl-istess seduta meta l-appellant għamel referenza għal dan id-dokument, id-Difiża tiegħu ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li tista' tagħti piż li dan l-imsemmi dokument jew li tista' tikkunsidrah bħala prova valida fl-istadju tal-appell.

32. L-istat li din il-Qorti trid tistħarreġ b'dan l-appell huwa jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), **bil-provi li kellha quddiemha** setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom. Dawk il-provi ma kienux jinkludu dan id-dokument partikolari. Għall-Qorti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-relazzjoni bejn il-partijiet fiż-żmien kontestat kienet għadha regolata b'dak il-kuntratt datat 14 ta' Jannar 2013 u l-appellant ma setax, fl-assenza ta' ftehim ieħor, jiddekadi mill-obbligi tiegħu hekk kif naxxenti minn dak il-kuntratt. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza hija kopjuża. Fost oħrajn, issir referenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deċiż nhar id- 9 ta' Lulju 2003 fejn intqal hekk:

> Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza flismijiet "Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar " (2.9.1999) kienet irriteniet testwalment hekk :-
>
> ......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant firrikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mallappellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak idDigriet jew dak l-ordni kien null .
> "Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-
> 1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas- sentenza relattiva.)

2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma .”

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta’ probabbilita’ li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni .

“ Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza “Il-Pulizija vs. Mario Mallia” (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

“....ghal finijiet ta’ kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil- paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta’ separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga taddigriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f’ dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’ Awla jew mill-Prim’ Awla ( u salv il-prova ta’ rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak iddigriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa’ validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f’dan is-sens “Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia (App. Krim. 10/3/95 , u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.”

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri” [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghalsentenza ohra ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta’ persuna li tisfa’ bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista’ jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa’ marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet”.

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza u bl-istess mod din ilQorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali talappellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu .

33. Magħdud dan kollu u fl-isfond tal-insenjamenti ġurisprudenzjali msemmija, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta’ ħtija fl-appellant u qiegħda għalhekk tiċħad l-aggravju tal-appellant magħmul f’dan is-sens.

34. Anke kieku biss, gratia argomenti, din il-Qorti kellha taċċetta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet fejn il-parti riċeventi tkun aċċettat li

ma tibqax titħallas il-manteniment, mill-ġurisprudenza imsemmija jrid jirriżulta li dan il-ftehim ikun irid isir bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Kompetenti. Ir-reat in disamina mhux reat bażat fuq il-fatt li xi parti kontraenti tkun naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha. Dan ir-reat jitnissel mill-fatt li, jkun hemm digriet ta' Qorti li jkun awtorizza lill-partijiet li jersqu fuq kuntratt speċifiku jew ikun hemm sentenza ta' Qorti fejn minnhom ikun tnissel obbligu li jitħallas il-manteniment u dan il-manteniment ma jiġix imħallas fiż-żmien imsemmi mill-Liġi. Ir-reat ma jkunx imnissel mis-sempliċi fatt li l-parti marbuta li tħallas il-manteniment tkun naqset milli tħallas il-flus ut sic, daqskemm mill-fatt li hija tkun naqset milli tobdi skrupolożament, mingħajr tfettieq, kavillar żejjed jew tentennamenti dik l-ordni. Isegwi għalhekk li dak li l-partijiet ikunu miftehmin dwaru fil-kuntratt li jkun ġie awtorizzat mill-Qorti, salv f'każ ta' rikonċiljazzjoni, ma jistgħux jaqbdu u jbiddluh minn jeddhom mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-fatt, fl-appell kriminali **Said** imsemmi iżjed il-fuq, ingħad speċifikament li:

> Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li **<u>dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni</u>** .

35. Jeħtieġ għalhekk li meta l-partijiet ikunu waslu għal xi ftehim differenti minn dak li kien ġie awtorizzat mill-Qorti, l-istess partijiet għandhom jagħmlu l-proċeduri appożiti sabiex tkun il-Qorti li tibdel dak l-istess ordni. Allura sakemm dak l-ordni ma jkunx ġie mibdul, l-istess ordni jitqies li jkun għadu fis-seħħ. Ftehim privat bejn il-partijiet ma jxejjinx l-effett ta' dak l-ordni tal-Qorti. Il-partijiet ma humiex il-Qorti u salv l-eċċezzjoni tar-rikonċiljazzjoni, ma għandhomx is-setgħa jidderogaw mill-ordni tal-Qorti. Hija s-setgħa mogħtija mill-Liġi lill-Qorti Kompetenti li tista' tvarja jew tħassar dak l-ordni u mhux ftehim sussegwenti milħuq bejn il-partijiet. L-unika eċċezzjoni għal dan hija meta l-partijiet ikunu rrikonċiljaw bejniethom – fejn allura l-Liġi kjarament tant tagħti valur lill-fatt tar-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin li tinċentivah b'mod li saħansitra tagħti setgħa lil partijiet li jkunu rrikonċiljaw li ipso facto jidderogaw minn dak li jkun ġie ordnat lilhom mill-Qorti fid-digriet jew sentenza tagħha. Iżda fin-nuqqas ta' prova almenu sal-grad tal-probabbli li l-partijiet irrikonċiljaw, l-obbligu tagħhom huwa li jsegwu skrupolożament l-ordni tal-Qorti kompetenti. F'dan il-każ, ma ġiex pruvat sal-grad tal-probabbli li kien hemm rikonċiljazzjoni. Jekk xejn, ġie pruvat li bejn il-partijiet għad hemm sitwazzjoni ta' tensjoni li żgur mhix tagħmel ġid lil dawn it-tnejn minn nies u lill-imsejkna uliedhom li fil-kwistjoni ta' bejniethom żgur li ma jaħtu xejn.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

25. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

26. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax

is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li **l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz**[4] (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

27. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.

kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis 'anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti'.

28. Il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tirrientra fil-parametri preskritti mil-Liġi ai termini tal-Artikolu 338(ż) moqri flimkien mal-artikoli 7(2), 18 u 31(g) tal-Kodiċi Kriminali. Madanakollu, din il-Qorti filwaqt li tagħraf is-serjeta' tar-reat ikkomtemplat fl-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali – u in kwantu serju huwa wkoll meqjus bħala reat kontra l-ordni pubbliku - tabbraċja dik l-iskola ta' ħsieb li ma tarax il-priġunerija effettiva bħala s-soluzzjoni f'dan il-każ, hekk kif ir-reklużjoni ġewwa l-ħabs taf iġġib problemi ikbar ta' telf ta' impjieg u mbagħad ċertament ibgħatu l-ulied għaliex il-problema ta' ħlas ma tibqax biss pika bejn il-partijiet iżda ssir waħda finanzjarja.

# Deċide

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell bil-mod segwenti:

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
ii) Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fil-parti fejn erogat il-piena ta' xahrejn priġunerija effettivi u
iii) minflok timponi piena ta' xahrejn priġunerija li pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħdin jiġu sospiżi għall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza. Din il-Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati r-responsabilita' li titnissel mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ li huwa jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**